# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 71/2013 JA**

**Carmel Saliba**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li laqgħet talba tal-attur (i) għal dikjarazzjoni li nkiser il-jedd tiegħu imħares taħt l-art. 6(1) u l-art. 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenz-joni"] meta, wara li kien interrogat mill-Pulizija, għamel stqarrija min-

għajr ma tħalla jieħu l-parir ta' avukat, u (ii) sabiex ma jsir ebda użu minn dik l-istqarrija waqt il-proċeduri penali kontra tiegħu.

2. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tilqa' t-talbet tal-attur ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Il-qorti … trid tiddeċiedi jekk ir-rikorrenti fil-każ in eżami kienx persuna vulnerabbli meta ghamel l-istqarrija u minn eżami tal-provi ma hemmx dubju li dan kien il-każ. Sfortunatament ir-rikorrenti għandu storja ta' problemi mentali li ġew pruvati fil-kors tal-kawża … … … Skond il-linji traċċjati fil-każ ta' Taliana[1] ma hemmx dubju li r-rikorrenti huwa persuna vulnerabbli u t-teħid tal-istqarrija relativa kisret [*recte*, it-teħid … kiser] id-drittijiet fundamentali tiegħu.
>
> »Illi finalment l-intimat eċċepixxa preliminarjament li r-rikorrenti ma eżawrixxiex il-proċeduri normali iżda din il-qorti ma tarax xi proċedura oħra seta' adopera. … ……«

3. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza b'rikors tal-14 ta' April 2015 li għalih l-attur ma weġibx. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-Avukat Ġenerali igħid illi ma huwiex minnu illi meta għamel l-istqarrija l-attur kien persuna vulnerabbli. Kompla fisser dan l-aggravju hekk:

> »… l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li … l-ewwel onorabbli qorti ma kinitx korretta meta ikkonkludiet li fiċ-ċirkostanzi odjerni l-appellat huwa persuna vulnerabbli minħabba "storja ta' problemi mentali". … … … [L]-appellant jirribatti li mill-fatti tal-inċident kif svolġew u kif jirriżultaw mill-atti tal-Inkjesta, kollha jimilitaw lejn il-fatt li l-appellat kien ben konxju ta' dak li kien qed jagħmel u li l-aġir tiegħu kien pre-meditat. Illi meta kien arrestat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizlja, bħala prassi r-rikorrent ġie mistoqsi jekk kienx taħt xi kura medika u min kien it-tabib kuranti tiegħu u hu irrisponda fin-negattiv. Illi l-lanjanza tal-appellant hi fis-sens li l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta meta iddeċidiet li tagħti kredibilità lill-fatt li fiċ-ċirkostanzi odjerni l-appellat kien persuna vulnerabbli meta irrilaxxa l-istqarrijiet in kwistjoni, fatt li ġie sostnut mid-difiża unikament f'dan l-istadju avvanzat tal-proċeduri fejn il-ġûri qed jistenna li jiġi appuntat u li effettivament ma sar l-ebda aċċenn għalih lanqas quddiem il-qrati kriminali kompetenti, liema deċiżjoni hija illum *res iudicata*. Illi fil-każ odjern, fl-umli fehma tal-appellant, l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta meta iddeċidiet li ċ-ċirkostanzi tal-appellat kienu jirrenduh vulnerabbli meta irrilaxxa l-istqarrijiet in kwistjoni u dan anke abażi tad-deċiżjonijiet kif ikkwotati mill-ewwel onorabbli qorti li bir-rispett kollu kienu jikkonċernaw ċirkostanzi partikolari u ben diversi minn dawk odjerni.«

---

[1] Anthonu Taliana *v.* Kummissarju tal-Pulizija, Kost. 6 ta' Frar 2015.

4. Ir-raġunament tal-ewwel qorti dwar il-vulnerabilità tal-persuna interrogta bħala element meħtieġ biex jinstab ksur tal-art. 6(1) moqri mal-art. 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni huwa msejjes fuq il-ġurisprudenza ta' din il-qorti, partikolarment il-każ ta' Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali[2], il-każ ta' Geoffrey Galea *v.* Avukat Ġenerali *et*[3], u l-każ ta' Stacy Chircop *v.* Avukat Ġenerali *et*[4].

5. Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta' Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta u proporzjonata billi tilqa' għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id-drittijiet ta' persuna akkużata b'reat kriminali, jidher li din l-interpretazzjoni – għallinqas fejn il-proċess kriminali jkun intemm – illum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg v. Malta[5]:

> »62. … … … the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons.
>
> »63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention «

6. Din il-qorti għalhekk illum hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni li kienet tat fil-każ ta' Muscat, għalkemm ittenni li

[2] Kost. 8 ta' Ottubru 2012.

[3] Kost. 28 ta' Ġunju 2013.

[4] Kost. 8 ta' Frar 2013.

[5] Q.E.D.B. 12 ta' Jannar 2016, rik. 37537/13.

għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta' buon sens.

7. Tassew, għandu jingħad ukoll illi s-sentenza ta' Borg ma hijiex neċessarjament kompatibbli ma' sentenza oħra tal-istess Qorti Ewropea f'każ ieħor riċenti – dak ta' Dimech *v.* Malta[6] – fejn il-qorti tenniet illi trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u mhux tgħid awtomatikament li kien hemm ksur għax ma kienx hemm l-għajnuna ta' avukat waqt jew qabel l-interrogazzjoni. Effettivament is-sentenza ta' Dimech tgħid illi, fejn il-proċess kriminali għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq.

8. Madankollu, fil-każ tallum il-qorti hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur għax tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas biss formali li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur. Kontra dak li jgħid l-Avukat Ġenerali, ix-xiehda fil-proċess – partikolarment il-*file* mediku tal-attur – turi illi tassew l-attur ibati minn patoloġija mentali gravi hekk li ma jkunx għaqli li toqgħod fuq stqarrijiet magħmula minnu, aktar u aktar meta dawn l-istqarrijiet jagħmilhom mingħajr għajnuna. Fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali.

9. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

---

6 Q.E.D.B. 2 ta' April 2015, rik

10. It-tieni aggravju huwa dwar id-disponibilità ta' rimedju ordinarju li l-attur ma nqediex bih. L-Avukat Ġenerali fisser dan l-aggravju hekk:

> »… … … f'dan ir-rigward, il-lanjanza tal-appellant tikkonsisti fil-fatt li wara l-ħruġ tal-att tal-akkuża u waqt is-smigh tal-eċċezzjonijiet preliminari f'dan il-każ, l-appellat talab lill-Qorti Kriminali sabiex tiddikjara li l-istqarrijiet mertu ta' dawn il-proceduri kienu inammissibbli a bażi tal-fatt uniku li ma kellux assistenza legali u ma sar ebda aċċenn għal xi allegazzjoni ta' vulnerabilità. Fil-fatt, jidher li din il-kwistjoni dwar l-allegata vulnerabilità tal-appellat qed titqajjem unikament permezz tal-azzjoni odjerna li hi intiża bħala proċedura ta' natura straordinarja.«

11. L-art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] igħid illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili "tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha … f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli … skont xi liġi oħra". Huwa għalhekk imħolli fid-diskrezzjoni tal-Prim'Awla – dejjem fil-parametri stabiliti fil-ġurisprudenża – li tagħżel "li teżerċita s-setgħat tagħha" wkoll meta min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju, u meta l-Prim'Awla tagħżel li tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha l-Qorti Kostituzzjonali bħala regola ma tiddisturbax dik l-għażla ħlief meta tkun manifestament ħażina jew meta hekk ikun meħtieġ biex il-proċeduri kostituzzjonali ma jiġux trivjalizzati[7].

12. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ikun aktar xieraq illi dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali ma jintlaqax, u illi l-appell jinstema' wkoll fil-meritu, partikolarment għax ma jkunx għaqli illi jitkompla l-proċess kriminali meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi dak il-proċess iwassal għal ksur ta' jeddijiet fondamentali, aktar u

---

7 Ara *e.g.* Mario Vella *v.* Joseph Bannister *nomine*, Kost. 7 ta' Marzu 1994.

aktar meta, għar-raġunijiet mogħtija fuq biex ġie miċħud l-ewwel aggravju, dik is-sentenza jixirqilha li tiġi konfermata fil-meritu. Madankollu, ladarba, ukoll bis-saħħa tal-ġurisprudenza fiż-żmien relevanti, x'aktarx illi t-talba tal-attur quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali kienet tintlaqa' li kieku ressaq l-argument tal-vulnerabilità, u dak l-argument ma ressqux meta seta' ressqu fil-proċeduri ordinarji – proċeduri li kellhom jitwalu aktar milli meħtieġ minħabba n-nuqqas tal-attur li jfittiex ir-rimedju fil-waqt meta kellu jfittxu –, huwa xieraq illi l-attur ibati sehem mill-ispejjeż tal-kawża.

13. L-aggravju, ħlief għal dak li sejjer jingħad dwar l-ispejjeż, huwa għalhekk miċħud.

14. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fil-meritu fejn sabet ksur tal-art. 6(1) moqri flimkien mal-art. 6(3)(*ċ*) tal-Konvenzjoni, u ordnat illi ma jsir ebda użu fil-proċess kriminali kontra l-attur tal-istqarrija magħmula minnu; tħassarha fejn ordnat illi l-ispejjeż iħallashom kollha l-Avukat Ġenerali u tordna, minflok, illi l-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) jħallsu l-attur u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallshom l-Avukat Ġenerali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistatur
df